**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2117**

**tad-29 ta' Novembru 2019**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 19(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 338/97 jirregola l-kummerċ fl-ispeċijiet tal-annimali u tal-pjanti mniżżlin fl-Anness tiegħu. L-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness jinkludu l-ispeċijiet mogħtija fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (is-CITES) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), kif ukoll l-ispeċijiet li l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom jirrikjedi li l-kummerċ tagħhom mill-Unjoni, lejn l-Unjoni u fiha jkun irregolat jew immonitorjat.

(2) Matul it-18-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni, li saret f'Ġinevra, fl-Iżvizzera, bejn is-17 u t-28 ta' Awwissu 2019 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-CoP 18"), saru ċerti emendi fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni. Jenħtieġ li dawn l-emendi jiġu riflessi fl-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(3) Il-gruppi tassonomiċi li ġejjin ġew inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97: *Ceratophora erdeleni*, *Ceratophora karu*, *Ceratophora tennentii*, *Cophotis ceylanica*, *Cophotis dumbara*, *Gonatodes daudini*, *Achillides chikae hermeli* u *Parides burchellanus*.

(4) L-ispeċijiet li ġejjin ġew ittrasferiti mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness B u jiġu inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 338/97: *Aonyx cinerea*, *Lutrogale perspicillata*, *Balearica pavonina*, *Cuora bourreti*, *Cuora picturata*, *Mauremys annamensis* u *Geochelone elegans*. L-ispeċi *Malacochersus tornieri* ġiet ittrasferita mill-Appendiċi II għall-Appendiċi I; din l-ispeċi diġà hija inkluża fl-Anness A u jenħtieġ li tinbidel biss ir-referenza għall-Appendiċi rilevanti.

(5) Il-gruppi tassonomiċi li ġejjin ġew ittrasferiti mill-Appendiċi I għall-Appendiċi II tal-Konvenzjoni u jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness A u jiġu inklużi fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97: *Vicugna vicugna* (il-popolazzjoni tal-Provinċja ta' Salta, fl-Arġentina, b'annotazzjoni), *Leporillus conditor*, *Pseudomys fieldi praeconis* (b'bidla fin-nomenklatura għal *Pseudomys fieldi*), *Xeromys myoides*, *Zyzomys pedunculatus*, *Dasyornis broadbenti litoralis*, *Dasyornis longirostris* u *Crocodylus acutus* (il-popolazzjoni tal-Messiku, b'annotazzjoni).

(6) Il-familji, il-ġeneri u l-ispeċijiet li ġejjin ġew inklużi fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni u jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 338/97: *Giraffa camelopardalis*, *Syrmaticus reevesii*, *Ceratophora aspera* (b'annotazzjoni), *Ceratophora stoddartii* (b'annotazzjoni), *Lyriocephalus scutatus* (b'annotazzjoni), *Goniurosaurus* spp. (b'annotazzjoni), *Gekko gecko*, *Paroedura androyensis*, *Ctenosaura* spp. (erba' speċijiet ta' dan il-ġeneru kienu ġew inklużi fl-Appendiċi II qabel u issa ddaħħlu fl-elenkar tal-ġeneru), *Pseudocerastes urarachnoides*, *Echinotriton chinhaiensis*, *Echinotriton maxiquadratus*, *Paramesotriton* spp. (speċi waħda ta' dan il-ġeneru kienet ġiet inkluża fl-Appendiċi II qabel u issa ddaħħlet fl-elenkar tal-ġeneru), *Tylototriton* spp., *Isurus oxyrinchus*, *Isurus paucus*, *Glaucostegus* spp., Rhinidae spp., *Holothuria fuscogilva* (b'implimentazzjoni mdewma), *Holothuria nobilis* (b'implimentazzjoni mdewma), *Holothuria whitmaei* (b'implimentazzjoni mdewma), *Poecilotheria* spp., *Widdringtonia whytei*, *Pterocarpus tinctorius* (b'annotazzjoni) u *Cedrela* spp. (b'annotazzjoni u b'implimentazzjoni mdewma).

(7) Jenħtieġ li l-ispeċijiet *Syrmaticus reevesii* u *Ctenosaura quinquecarinata* u l-ġeneri *Paramesotriton* spp. u *Tylototriton* spp., li s'issa kienu mniżżlin fl-Anness D tar-Regolament (KE) Nru 338/97, jitneħħew minn dak l-Anness wara li dawn ġew inklużi fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni waqt il-CoP 18.

([1]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

(8) It-taqsima dwar l-interpretazzjoni tal-Appendiċijiet ġiet emendata, u waqt il-CoP 18 ġew adottati jew emendati għadd ta' annotazzjonijiet marbutin ma' diversi gruppi tassonomiċi inklużi fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni, u dan ukoll irid jiġi rifless fl-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(a) Ġew inklużi l-annotazzjonijiet li ġejjin:

— annotazzjoni għall-ispeċijiet *Saiga tatarica* u *Saiga borealis* imniżżlin fl-Appendiċi II; u

— l-annotazzjoni #17 (li tiehu post l-annotazzjoni #5) għall-ispeċi *Pericopsis elata* mniżżla fl-Appendiċi II.

(b) Ġew emendati l-annotazzjonijiet li ġejjin:

— l-annotazzjoni għall-ispeċi *Vicugna vicugna* mniżżla fl-Appendiċi II;

— l-annotazzjoni #4 f) għall-ispeċi *Aloe ferox* imniżżla fl-Appendiċi II;

— l-annotazzjoni #16 dwar l-elenkar tal-ispeċi *Adansonia grandidieri* fl-Appendiċi II; u

— l-annotazzjoni #15 dwar l-elenkar tal-ġeneru *Dalbergia* spp. u tal-ispeċijiet *Guibourtia demeusei*, *Guibourtia pellegriniana* u *Guibourtia tessmannii* fl-Appendiċi II.

(9) Jenħtieġ li d-definizzjonijiet tat-termini "strumenti mużikali lesti", "aċċessorji tal-istrumenti mużikali lesti", "partijiet tal-istrumenti mużikali lesti", "konsenja" u "injam ittrasformat" jiġu inklużi fin-"Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C u D", minħabba li dawk id-definizzjonijiet ġew adottati waqt il-CoP 18.

(10) L-ispeċijiet li ġejjin ġew inklużi dan l-aħħar fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni: *Sphaerodactylus armasi*, *Sphaerodactylus celicara*, *Sphaerodactylus dimorphicus*, *Sphaerodactylus intermedius*, *Sphaerodactylus nigropunctatus alayoi*, *Sphaerodactylus nigropunctatus granti*, *Sphaerodactylus nigropunctatus lissodesmus*, *Sphaerodactylus nigropunctatus ocujal*, *Sphaerodactylus nigropunctatus strategus*, *Sphaerodactylus notatus atactus*, *Sphaerodactylus oliveri*, *Sphaerodactylus pimienta*, *Sphaerodactylus ruibali*, *Sphaerodactylus siboney*, *Sphaerodactylus torrei*, *Anolis agueroi*, *Anolis baracoae*, *Anolis barbatus*, *Anolis chamaeleonides*, *Anolis equestris*, *Anolis guamuhaya*, *Anolis luteogularis*, *Anolis pigmaequestris* u *Anolis porcus*, kollha fuq talba ta' Kuba. Għalhekk jenħtieġ li dawn l-ispeċijiet jiġu inklużi fl-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(11) L-ispeċijiet li ġejjin tneħħew dan l-aħħar mill-Appendiċi III tal-Konvenzjoni: *Galictis vittata*, *Bassaricyon gabbii*, *Bassariscus sumichrasti*, *Cabassous centralis*, *Choloepus hoffmanni*, *Sciurus deppei* u *Crax rubra* (il-popolazzjoni tal-Costa Rica biss), kollha fuq talba tal-Costa Rica. Għalhekk jenħtieġ li r-referenza għall-Costa Rica fl-elenkar tal-ispeċi *Crax rubra* u dawn l-ispeċijiet l-oħrajn jitneħħew mill-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(12) L-Unjoni ma daħħlet l-ebda riżerva dwar dawn l-emendi.

(13) Waqt il-CoP 18 ġew adottati referenzi ġodda tan-nomenklatura għall-annimali u għall-pjanti li huma marbutin, b'mod partikulari, ma' għadd ta' speċijiet tal-ġeneru *Ovis* u ma' diversi speċijiet tal-familja Felidae. Dawn il-bidliet iridu jiġu riflessi fl-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 338/97, filwaqt li jinżammu l-miżuri iktar stretti tal-UE li japplikaw dal-ħin għall-importazzjonijiet tal-ispeċi li qabel kienet deskritta bħala *Ovis ammon* skont l-Anness XIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([2]).

(14) Jenħtieġ li l-ismijiet ta' ċerti speċijiet (kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Latin) jiġu kkoreġuti biex ikunu jirriflettu l-prattika attwali fl-użu tagħhom.

(15) Jenħtieġ li jsiru iktar korrezzjonijiet fl-annotazzjonijiet eżistenti u, b'mod partikulari, jenħtieġ li l-annotazzjoni "(possibbilment estint)" titneħħa mill-elenkar ta' erba' speċijiet, skont l-emendi li saru waqt il-CoP 17.

(16) Minħabba l-għadd ta' emendi jixraq li, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jiġi sostitwit kollu kemm hu.

(17) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 338/97 jiġi emendat kif xieraq.

(18) L-Artikolu XV.1(c) tal-Konvenzjoni jgħid li "l-emendi adottati waqt laqgħa [tal-Konferenza tal-Partijiet] għandhom jidħlu fis-seħħ 90 jum wara dik il-laqgħa għall-Partijiet kollha". Sabiex tintlaħaq dik l-iskadenza u jkun żgurat dħul fis-seħħ fil-ħin tal-bidliet fl-Anness ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(19) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Fawna u l-Flora Selvaġġi stabbilit skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 338/97,

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS […]*

## Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C u D

1. L-ispeċijiet inklużi fl-Annessi A, B, C u D jissemmew:

   (a) bl-isem tal-ispeċi; jew

   (b) bħala li huma l-ispeċijiet kollha inklużi fi grupp tassonomiku ogħla jew f'parti ddenominata tiegħu.

2. It-taqsira "spp." tintuża biex tindika l-ispeċijiet kollha ta' grupp tassonomiku ogħla.

3. Ir-referenzi l-oħrajn għal gruppi tassonomiċi ogħla mill-ispeċi jingħataw biss għall-finijiet tal-informazzjoni jew tal-klassifika.

4. L-ispeċijiet mogħtija b'tipa grassa fl-Anness A huma mniżżlin hemm b'konsistenza mal-protezzjoni tagħhom kif previst fid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]).

5. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw għall-gruppi tassonomiċi tal-pjanti taħt il-livell tal-ispeċi:

   (a) "ssp." tintuża sabiex tindika s-sottospeċi;

   (b) "var(s)." tintuża sabiex tindika varjetà (jew varjetajiet); u

   (c) "fa." tintuża sabiex tindika forma.

6. Is-simboli "(I)", "(II)" u "(III)" mogħtija wara isem l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla jirreferu għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni li fihom huma mniżżlin l-ispeċijiet ikkonċernati, kif indikat fin-noti 7, 8 u 9. Meta ma jkun hemm l-ebda waħda minn dawn l-annotazzjonijiet, l-ispeċijiet ikkonċernati ma jkunux imniżżlin fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

7. Is-simbolu "(I)" mogħti wara isem l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla jindika li l-ispeċi kkonċernata jew il-grupp tassonomiku ogħla kkonċernat huma inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

8. Is-simbolu "(II)" mogħti wara isem l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla jindika li l-ispeċi kkonċernata jew il-grupp tassonomiku ogħla kkonċernat huma inklużi fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni.

9. Is-simbolu "(III)" mogħti wara isem l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla jindika li dawn huma inklużi fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni. F'dan il-każ jiġi indikat ukoll il-pajjiż li għalih l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla huma inklużi fl-Appendiċi III.

10. Skont id-definizzjoni mogħtija fit-tmien edizzjoni tal-kodiċi internazzjonali għan-nomenklatura tal-pjanti kkultivati msejjaħ "*International Code of Nomenclature for Cultivated Plants*", "kultivar" tfisser grupp ta' pjanti (a) li ngħażel minħabba karatteristika partikulari jew kombinazzjoni ta' karatteristiċi partikulari, (b) li huwa distint, uniformi u stabbli f'dawn il-karatteristiċi, u (c) li jżomm dawk il-karatteristiċi meta jiġi ppropagat b'mezzi xierqa. L-ebda grupp tassonomiku ġdid ta' kultivar ma jista' jitqies bħala tali sakemm l-isem tal-kategorija tiegħu u ċ-ċirkoskrizzjoni tiegħu ma jkunux ġew ippubblikati b'mod formali fl-aħħar edizzjoni tal-kodiċi internazzjonali għan-nomenklatura tal-pjanti kkultivati msejjaħ "*International Code of Nomenclature for Cultivated Plants*".

11. L-ibridi jistgħu jiġu inklużi b'mod speċifiku fl-Appendiċijiet, iżda biss jekk jiffurmaw popolazzjonijiet distinti u stabbli fis-selvaġġ. Dan ir-Regolament għandu jgħodd għall-annimali ibridi li, fl-erba' ġenerazzjonijiet preċedenti fil-linja tan-nisel tagħhom, kellhom eżemplar wieħed jew aktar tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A jew B, daqs li kieku dawn kienu speċijiet kompluti, anke jekk l-ibridu kkonċernat ma jkunx inkluż b'mod speċifiku fl-Annessi.

12. Meta speċi tkun inkluża fl-Anness A, B jew C, l-annimal kollu jew il-pjanta kollha, sew jekk ikunu ħajjin u sew jekk ikunu mejtin, u l-partijiet kollha tagħhom u l-prodotti kollha dderivati minnhom ikunu inklużi wkoll. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċijiet tal-annimali mniżżlin fl-Anness C u mal-ispeċijiet tal-pjanti mniżżlin fl-Anness B jew C, il-partijiet kollha tal-ispeċi u l-prodotti kollha dderivati minnha jkunu inklużi wkoll fl-istess Anness, sakemm ma jkunx hemm annotazzjoni mal-ispeċi li tkun tindika li xi partijiet speċifiċi u xi prodotti dderivati speċifiċi biss ikunu inklużi. Skont l-Artikolu 2(t), is-simbolu "#" segwit minn numru mogħti wara isem l-ispeċi jew il-grupp tassonomiku ogħla inkluż fl-Anness B jew C jindika partijiet jew prodotti dderivati li, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huma speċifikati b'rabta ma' dak l-isem kif ġej:

---

([1]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

#1 jindika l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, minbarra dawn li ġejjin:

(a) iż-żrieragħ, l-ispori u l-għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja);

(b) il-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) il-fjuri maqtugħin tal-pjanti mnisslin b'mod artifiċjali; u

(d) il-frott tal-pjanti tal-ġeneru *Vanilla* mnisslin b'mod artifiċjali u l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom.

#2 jindika l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, minbarra dawn li ġejjin:

(a) iż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra; u

(b) il-prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#3 jindika l-għeruq sħaħ jew maqtugħin u l-partijiet tagħhom, minbarra l-partijiet jew il-prodotti dderivati mmanifatturati, bħat-trabijiet, il-pilloli, l-estratti, ir-rikostitwenti toniċi, it-tejiet u l-ħlewwiet.

#4 jindika l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, minbarra dawn li ġejjin:

(a) iż-żrieragħ (inklużi l-imżiewed taż-żrieragħ tal-Orchidaceae), l-ispori u l-għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja). L-eżenzjoni ma tapplikax għaż-żrieragħ tal-familja Cactaceae spp. esportati mill-Messiku u għaż-żrieragħ tal-ispeċijiet *Beccariophoenix madagascariensis* u *Dypsis decaryi* esportati mill-Madagascar;

(b) il-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) il-fjuri maqtugħin tal-pjanti mnisslin b'mod artifiċjali;

(d) il-frott tal-pjanti tal-ġeneru *Vanilla* (Orchidaceae) u tal-familja Cactaceae naturalizzati jew imnisslin b'mod artifiċjali u l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom;

(e) iz-zkuk u l-fjuri tal-pjanti tal-ġeneru Opuntia, is-subġeneru *Opuntia*, u tal-ġeneru *Selenicereus* (Cactaceae) naturalizzati jew imnisslin b'mod artifiċjali u l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom; u

(f) il-prodotti lesti tal-ispeċijiet *Aloe ferox* u *Euphorbia antisyphilitica*, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#5 jindika z-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetti.

#6 jindika z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti u l-plajwudd.

#7 jindika z-zkuk, il-laqx tal-injam, it-trab u l-estratti.

#8 jindika l-partijiet ta' taħt l-art (jiġifieri l-għeruq u r-riżomi): sħaħ, f'biċċiet u mitħunin.

#9 jindika l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, minbarra dawk li jkollhom tikketta li tgħid hekk: "Prodott minn materjal tal-ġeneru *Hoodia* spp. miksub permezz ta' ħsad u produzzjoni kkontrollati skont it-termini tal-ftehim *mal-Awtorità ta' Ġestjoni tas-CITES rilevanti [tal-Botswana skont il-ftehim Nru BW/xxxxxx] [tan-Namibja skont il-ftehim Nru NA/xxxxxx] [tal-Afrika t'Isfel skont il-ftehim Nru ZA/xxxxxx]"*.

#10 jindika z-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetti, inklużi l-oġġetti tal-injam mhux lesti li jintużaw għall-manifattura tal-arki tal-istrumenti mużikali tal-korda.

#11 jindika z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plajwudd, it-trab u l-estratti. Il-prodotti lesti li jkun fihom it-tali estratti bħala ingredjenti, inklużi l-fwejjaħ, ma jitqisux li huma koperti minn din l-annotazzjoni.

#12 jindika z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plajwudd u l-estratti. Il-prodotti lesti li jkun fihom it-tali estratti bħala ingredjenti, inklużi l-fwejjaħ, ma jitqisux li huma koperti minn din l-annotazzjoni.

#13 jindika l-qalba (magħrufa wkoll bħala "l-endosperma", "il-polpa" jew "il-kopra") u kull prodott idderivat minnha.

#14 jindika l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, minbarra dawn li ġejjin:

(a) iż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra;

(b) il-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) il-frott;

(d) il-weraq;

(e) it-trab tal-injam tal-agar spiċċut, inkluż it-trab ikkompressat f'kull forma; u

(f) il-prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut; din l-eżenzjoni ma tapplikax għal-laqx tal-injam, għaż-żibeġ, għall-kuruni tar-Rużarju u għat-tinqix.

#15 jindika l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, minbarra dawn li ġejjin:

(a) il-weraq, il-fjuri, l-għabra tad-dakra, il-frott u ż-żrieragħ;

(b) il-prodotti lesti sa piż massimu tal-injam tal-ispeċi mniżżla ta' 10 kg għal kull konsenja;

(c) l-istrumenti mużikali lesti, il-partijiet tal-istrumenti mużikali lesti u l-aċċessorji tal-istrumenti mużikali lesti;

(d) il-partijiet tal-ispeċi Dalbergia cochinchinensis u l-prodotti dderivati minnha li huma koperti mill-annotazzjoni #4; u

(e) il-partijiet tal-ġeneru Dalbergia spp. u l-prodotti dderivati minnu li joriġinaw mill-Messiku u li jiġu esportati minn dak il-pajjiż, li huma koperti mill-annotazzjoni #6;

#16 jindika ż-żrieragħ, il-frott u ż-żjut.

#17 jindika z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plajwudd u l-injam ittrasformat.

13. It-termini u l-espressjonijiet ta' hawn taħt, li jintużaw fl-annotazzjonijiet f'dawn l-Annessi, huma ddefiniti kif ġej:

**Estratt**

Kull sustanza li tinkiseb b'mod dirett mill-materjal tal-pjanti b'mezzi fiżiċi jew kimiċi, ikun xi jkun il-proċess tal-manifattura. Estratt jista' jkun solidu (pereżempju l-kristalli, ir-reżina u l-partikuli fini jew raffi), semisolidu (pereżempju l-gomma u x-xama') jew likwidu (pereżempju s-soluzzjonijiet, it-tinturi, iż-żejt u ż-żjut essenzjali).

**Strumenti mużikali lesti**

Aċċessorju ta' strument mużikali (kif imsemmi fil-Kapitolu 92 tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali intitolat "Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn") li jkun lest biex jindaqq jew li jkun jeħtieġ biss li jiġu installati l-partijiet biex ikun jista' jindaqq. Dan it-terminu jinkludi l-istrumenti antiki (kif iddefiniti fil-kodiċijiet 97.05 u 97.06 tal-Kapitolu tas-Sistema Armonizzata intitolat "Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet").

**Aċċessorji tal-istrumenti mużikali lesti**

Aċċessorju ta' strument mużikali (kif imsemmi fil-Kapitolu 92 tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali intitolat "Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn") li jkun separat mill-istrument mużikali u li jkun iddisinjat jew iffurmat b'mod speċifiku biex jintuża b'mod espliċitu flimkien ma' strument, u li ma jkun jeħtieġ l-ebda emenda oħra biex jintuża.

**Partijiet tal-istrumenti mużikali lesti**

Parti ta' strument mużikali (kif imsemmi fil-Kapitolu 92 tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali intitolat "Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn") li tkun lesta biex tiġi installata u li tkun iddisinjata u ffurmata b'mod speċifiku biex tintuża b'mod espliċitu flimkien mal-istrument biex dan ikun jista' jindaqq.

**Prodotti lesti, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut**

Prodotti ttrasportati wieħed wieħed jew bl-ingrossa, li ma jkunu jeħtieġu l-ebda pproċessar ieħor, ippakkjati u ttikkettati għall-użu finali jew għall-bejgħ bl-imnut, li jkunu fi stat tajjeb biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali jew biex jintużaw minnu.

**Trab**

Sustanza niexfa u solida fil-forma ta' partikuli fini jew raffi.

**Konsenja**

Merkanzija ttrasportata skont it-termini ta' polza ta' kargu waħda jew ta' polza tal-vjeġġ bl-ajru waħda, irrispettivament mill-kwantità jew mill-għadd ta' kontenituri jew ta' pakketti; jew biċċiet li jintlibsu, li jinġarru jew li jiġu inklużi fil-bagalji personali.

**10 kg għal kull konsenja**

Fil-każ tat-terminu "10 kg għal kull konsenja", il-limitu ta' 10 kg għandu jiġi interpretat li jirreferi għall-piż tal-partijiet individwali ta' kull oġġett fil-konsenja li jkun magħmul mill-injam tal-ispeċi kkonċernata. Fi kliem ieħor, il-limitu ta' 10 kg għandu jiġi vvalutat skont il-piż tal-partijiet individwali magħmulin mill-injam tal-ispeċijiet *Dalbergia* jew *Guibourtia* li jkunu jinsabu f'kull oġġett tal-konsenja, minflok skont il-piż totali tal-konsenja.

**Injam ittrasformat**

Dan huwa ddefinit fil-kodiċi 44.09 tas-Sistema Armonizzata msejjaħ "Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, gruvjat, ingastat-V, imżebbeġ jew hekk) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le".

**Laqx tal-injam**

Injam li tkisser f'biċċiet żgħar.

14. Billi l-ebda speċi jew grupp tassonomiku ogħla tal-FLORA inklużi fl-Anness A ma ġew annotati b'tali mod li l-ibridi tagħhom għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikolu 4(1), l-ibridi mnisslin b'mod artifiċjali prodotti minn waħda minn dawn l-ispeċijiet jew minn wieħed minn dawn il-gruppi tassonomiċi jew iktar jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'ċertifikat tat-tnissil artifiċjali u dan ir-Regolament ma jgħoddx għaż-żrieragħ u għall-għabra tad-dakra ta' dawn l-ibridi (inkluż il-pollinja), għall-fjuri maqtugħin tagħhom u għall-kulturi tan-nebbieta jew tat-tessuti tal-pjanti tagħhom miksubin *in vitro*, f'midja solida jew likwida, ittrasportati f'kontenituri sterili.

15. Dan ir-Regolament ma jgħoddx għall-awrina, għar-rawt u għall-ambra griża li huma prodotti tal-iskart li jinkisbu mingħajr manipulazzjoni tal-annimal ikkonċernat.

16. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċijiet tal-fawna mniżżlin fl-Anness D, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-eżemplari ħajjin u għall-eżemplari mejtin sħaħ jew kważi sħaħ, ħlief għall-gruppi tassonomiċi li huma annotati kif ġej biex juru li dan jgħodd ukoll għal partijiet u għal prodotti dderivati oħrajn:

§ 1 il-ġlud sħaħ jew kważi sħaħ, mhux maħdumin jew ikkunzati.

17. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċijiet tal-flora mniżżlin fl-Anness D, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-eżemplari ħajjin, ħlief għall-gruppi tassonomiċi li huma annotati kif ġej biex juru li dan jgħodd ukoll għal partijiet u għal prodotti dderivati oħrajn:

§ 3 Il-pjanti friski jew imnixxfin, fosthom, meta jkun xieraq, il-weraq, l-għeruq jew is-salvaġġ, iz-zkuk, iż-żrieragħ jew l-ispori, il-qoxra u l-frott.

§ 4 iz-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetti.

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | **FAWNA** | | |
| | | CHORDATA (KORDATI) | | |
| **MAMMALIA** | | | | **Mammiferi** |
| ARTIODACTYLA | | | | |
| **Antilocapridae** | | | | **Antilop moghża muqran** |
| | *Antilocapra americana* (I) (il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-ebda popolazzjoni oħra mhija inkluża fl-Annessi ta' dan ir-Regolament) | | | Antilop moghża muqran Messikan |
| **Bovidae** | | | | **Antilopi, bhejjem tal-ifrat, duikers, għażżiela, mogħoż, nagħaġ, eċċ.** |
| | *Addax nasomaculatus* (I) | | | Antilop abjad |
| | | *Ammotragus lervia* (II) | | Nagħaġ tal-Barberija |
| | | | *Antilope cervicapra* (III in-Nepal/il-Pakistan) | Antilop Indjan |
| | *Bos gaurus* (I) (minbarra l-forma mansa magħrufa bħala *Bos frontalis* li għaliha ma jgħoddx dan ir-Regolament) | | | Gawr |
| | *Bos mutus* (I) (minbarra l-forma mansa magħrufa bħala *Bos grunniens* li għaliha ma jgħoddx dan ir-Regolament) | | | Barri Tibetan |
| | *Bos sauveli* (I) | | | Barri griż |
| | | | *Boselaphus tragocamelus* (III il-Pakistan) | Antilop kbir Indjan qrunu qosra |
| | | | *Bubalus arnee* (III in-Nepal) (minbarra l-forma mansa magħrufa bħala *Bubalus bubalis*, li għaliha ma jgħoddx dan ir-Regolament) | Buflu Ażjatiku selvaġġ |
| | *Bubalus depressicornis* (I) | | | Buflu tal-mergħat |
| | *Bubalus mindorensis* (I) | | | Buflu nanu ta' Mindoro |
| | *Bubalus quarlesi* (I) | | | Buflu tal-muntanji |
| | | *Budorcas taxicolor* (II) | | Takin |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Capra falconeri* (I) | | | Mogħża bil-qrun mibrum |
| | | *Capra caucasica* (II) | | Tur tal-Kawkasu |
| | | | *Capra hircus aegagrus* (III il-Pakistan) (dan ir-Regolament ma jgħoddx għall-eżemplari tal-forma mansa) | Mogħża selvaġġa |
| | | | *Capra sibirica* (III il-Pakistan) | Mogħża tal-barr tas-Siberja |
| | *Capricornis milneedwardsii* (I) | | | Kaprikornu taċ-Ċina |
| | *Capricornis rubidus* (I) | | | Kaprikornu aħmar |
| | *Capricornis sumatraensis* (I) | | | Kaprikornu Tibetjan |
| | *Capricornis thar* (I) | | | Kaprikornu tal-Ħimalaja |
| | | *Cephalophus brookei* (II) | | Antilop tal-foresti tal-Guinea |
| | | *Cephalophus dorsalis* (II) | | Antilop dahru iswed |
| | *Cephalophus jentinki* (I) | | | Antilop gidi gidi |
| | | *Cephalophus ogilbyi* (II) | | Antilop ta’ Ogilby |
| | | *Cephalophus silvicultor* (II) | | Antilop dahru isfar |
| | | *Cephalophus zebra* (II) | | Antilop żebra |
| | | *Damaliscus pygargus pygargus* (II) | | Bontebok |
| | | | *Gazella bennettii* (III il-Pakistan) | Għażżiela tal-Indja |
| | *Gazella cuvieri* (I) | | | Għażżiela tal-Magreb |
| | | | *Gazella dorcas* (III l-Alġerija/it-Tuneżija) | Għażżiela tal-Afrika |
| | *Gazella leptoceros* (I) | | | Għażżiela tal-għaram tar-ramel |
| | *Hippotragus niger variani* (I) | | | Antilop ġgant iswed |
| | | *Kobus leche* (II) | | Lechwe |
| | *Naemorhedus baileyi* (I) | | | Mogħża żgħira tal-bosk tal-Ħimalaja |
| | *Naemorhedus caudatus* (I) | | | Mogħża denbha twil |
| | *Naemorhedus goral* (I) | | | Mogħża tal-Ħimalaja |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Naemorhedus griseus* (I) | | | Mogħża griża taċ-Ċina |
| | *Nanger dama* (I) | | | Għażżiela dama |
| | *Oryx dammah* (I) | | | Antilop qrunu ximitarra |
| | *Oryx leucoryx* (I) | | | Antilop Għarbi |
| | | *Ovis ammon* (II) | | Nagħġa selvaġġa |
| | | *Ovis arabica* (II) | | Nagħaġ selvaġġ Għarbi |
| | | *Ovis bochariensis* (II) | | Nagħġa selvaġġa ta' Bukara |
| | | *Ovis canadensis* (II) (il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-ebda popolazzjoni oħra ma hija inkluża fl-Annessi ta' dan ir-Regolament) | | Nagħġa Amerikana |
| | | *Oviscollium* (II) (*) | | Nagħġa selvaġġa tal-Każakistan |
| | | *Oviscycloceros* (II) | | Nagħġa selvaġġa Afgana |
| | | *Ovisdarwini* (II) (*) | | Nagħġa selvaġġa tad-deżert Gobi |
| | *Ovis gmelini* (I) (il-popolazzjoni ta' Ċipru) | | | Nagħġa selvaġġa ta' Ċipru |
| | *Ovishodgsonii* (I) | | | Nagħġa selvaġġa Ażjatika |
| | | *Ovis jubata* (II) (*) | | Nagħġa selvaġġa ta' Shansi |
| | | *Ovis karelini* (II) (*) | | Nagħġa selvaġġa ta' Tian Shan |
| | *Ovisnigrimontana* (I) | | | Nagħġa selvaġġa Ażjatika |
| | | *Ovis polii* (II) (*) | | Nagħġa selvaġġa ta' Marco Polo |
| | | *Ovis punjabiensis* (II) | | Nagħġa selvaġġa tal-Punġab |
| | | *Ovis severtzovi* (II) (*) | | Nagħġa selvaġġa ta' Severtzov |
| | *Ovisvignei* (I) | | | Nagħġa selvaġġa tal-Kashmir |
| | *Pantholops hodgsonii* (I) | | | Antilop Tibetan |
| | | *Philantomba monticola* (II) | | Antilop ikħal |
| | | | *Pseudois nayaur* (III il-Pakistan) | Nagħġa selvaġġa tal-Ħimalaja sufha is-wed imħallat bl-iżraq |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Pseudoryx nghetinhensis* (I) | | | Antilop bil-qrun magħżel |
| | ***Rupicapra pyrenaica ornata* (II)** | | | Kamoxx tal-Abruzzo |
| | | *Saiga borealis* (II) (kwota tal-esportazzjoni ta' żero għall-eżemplari li jittieħdu mis-selvaġġ u li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali) | | Antilop Mongoljan imnieħru minfuħ |
| | | *Saiga tatarica* (II) (kwota tal-esportazzjoni ta' żero għall-eżemplari li jittieħdu mis-selvaġġ u li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali) | | Antilop imnieħru minfuħ |
| | | | *Tetracerus quadricornis* (III in-Nepal) | Antilop b'erbat iqrun |
| **Camelidae** | | | | **Iġmla, gwanakos u vikunji** |
| | | *Lama guanicoe* (II) | | Gwanako |
| | *Vicugna vicugna* (I) (Minbarra l-popolazzjonijiet tal-Arġentina [il-popolazzjonijiet tal-Provinċji ta' Jujuy, Catamarca u Salta, u l-popolazzjonijiet li jinżammu parzjalment fil-magħluq tal-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan], tal-Bolivja [il-popolazzjoni kollha], taċ-Ċilì [il-popolazzjonijiet tar-reġjun ta' Tarapacá u tar-reġjun ta' Arica u Parinacota], tal-Ekwador [il-popolazzjoni kollha] u tal-Perù [il-popolazzjoni kollha], li huma inklużi fl-Anness B) | *Vicugna vicugna* (II) (il-popolazzjonijiet tal-Arġentina [il-popolazzjonijiet tal-Provinċji ta' Jujuy, Catamarca u Salta, u l-popolazzjonijiet li jinżammu parzjalment fil-magħluq tal-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan], tal-Bolivja [il-popolazzjoni kollha], taċ-Ċilì [il-popolazzjonijiet tar-reġjun ta' Tarapacá u tar-reġjun ta' Arica u Parinacota], tal-Ekwador [il-popolazzjoni kollha] u tal-Perù [il-popolazzjoni kollha] biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness A) ([1]) | | Vikunja |
| **Cervidae** | | | | **Ċriev, huemul, ċriev nebbieħa u ċriev nani** |
| | *Axis calamianensis* (I) | | | Ċerv tal-Gżejjer Kalamjani |
| | *Axis kuhlii* (I) | | | Ċerv tal-Gżira ta' Bawean |
| | | | *Axis porcinus* (III il-Pakistan (minbarra s-sottospeċijiet inklużi fl-Anness A)) | Ċerv ħanżir |
| | *Axis porcinus annamiticus* (I) | | | Ċerv ħanżir tal-Indoċina |
| | *Blastocerus dichotomus* (I) | | | Ċerv tal-bur |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | *Cervus elaphus bactrianus* (II) | | Ċerv Baktrijan |
| | | | *Cervus elaphus barbarus* (III l-Alġerija/it-Tuneżija) | Ċerv tal-Barberija |
| | *Cervus elaphus hanglu* (I) | | | Ċerv tal-Kashmir |
| | *Dama dama mesopotamica* (I) | | | Dajn Persjan dahru bit-tikek |
| | *Hippocamelus* spp. (I) | | | Huemul |
| | | | *Mazama temama cerasina* (III il-Gwatemala) | Mażama ħamra tal-Amerka Ċentrali |
| | *Muntiacus crinifrons* (I) | | | Ċerv nebbieħ iswed |
| | *Muntiacus vuquangensis* (I) | | | Ċerv nebbieħ ġgant |
| | | | *Odocoileus virginianus mayensis* (III il-Gwatemala) | Ċerv denbu abjad tal-Gwatemala |
| | *Ozotoceros bezoarticus* (I) | | | Ċerv tal-Pampas |
| | | *Pudu mephistophiles* (II) | | Ċerv nanu tat-Tramuntana |
| | *Pudu puda* (I) | | | Ċerv nanu tal-Amerka t'Isfel |
| | *Rucervus duvaucelii* (I) | | | Ċerv tal-bwar |
| | *Rucervus eldii* (I) | | | Ċerv tal-qrun fuq ġbinu |
| **Giraffidae** | | *Giraffa camelopardalis* (II) | | **Ġiraffi**<br>Ġiraffa |
| **Hippopotamidae** | | | | **Ippopotami** |
| | | *Hexaprotodon liberiensis* (II) | | Ippopotamu nanu |
| | | *Hippopotamus amphibius* (II) | | Ippopotamu |
| **Moschidae** | | | | **Ċerv tal-misk** |
| | *Moschus* spp. (I) (il-popolazzjonijiet tal-Afganistan, tal-Bhutan, tal-Indja, tal-Myanmar, tan-Nepal u tal-Pakistan biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | *Moschus* spp. (II) (minbarra l-popolazzjonijiet tal-Afganistan, tal-Bhutan, tal-Indja, tal-Myanmar, tan-Nepal u tal-Pakistan, li huma inklużi fl-Anness A) | | Ċerv tal-misk |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Suidae** | | | | **Babirussa, ħnieżer u qżieqeż** |
| | *Babyrousa babyrussa* (I) | | | Babirussa |
| | *Babyrousa bolabatuensis* (I) | | | Babirussa ta' Bola Batu |
| | *Babyrousa celebensis* (I) | | | Babirussa Indoneżjana |
| | *Babyrousa togeanensis* (I) | | | Babirussa tal-Gżejjer Togjani |
| | *Sus salvanius* (I) | | | Ħanżir nanu |
| **Tayassuidae** | | | | **Pekari** |
| | | Tayassuidae spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-popolazzjonijiet tal-ispeċi *Pecari tajacu* tal-Messiku u tal-Istati Uniti, li mhumiex inklużi fl-Annessi ta' dan ir-Regolament) | | Pekari |
| | *Catagonus wagneri* (I) | | | Pekari ġgant |
| CARNIVORA | | | | |
| **Ailuridae** | | | | |
| | *Ailurus fulgens* (I) | | | Panda ħamra |
| **Canidae** | | | | **Klieb, volpijiet u lpup** |
| | | | *Canis aureus* (III l-Indja) | Ġakall dehbi |
| | ***Canis lupus* (I/II)** (il-popolazzjonijiet kollha minbarra dawk ta' Spanja li jinsabu fit-Tramuntana tax-xmara Duero u dawk tal-Greċja li jinsabu fit-Tramuntana tad-39 parallel. Il-popolazzjonijiet tal-Bhutan, tal-Indja, tan-Nepal u tal-Pakistan huma mniżżlin fl-Appendiċi I; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma mniżżlin fl-Appendiċi II. Din l-annotazzjoni teskludi l-forma mansa u d-dingo li huma magħrufin bħala *Canis lupus familiaris* u *Canis lupus dingo*) | *Canis lupus* (II) (il-popolazzjonijiet ta' Spanja li jinsabu fit-Tramuntana tax-xmara Duero u dawk tal-Greċja li jinsabu fit-Tramuntana tad-39 parallel. Din l-annotazzjoni teskludi l-forma mansa u d-dingo li huma magħrufin bħala *Canis lupus familiaris* u *Canis lupus dingo*) | | Lupu griż |
| | *Canis simensis* | | | Lupu tal-Etjopja |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | *Cerdocyon thous* (II) | | Volpi wikkiel il-granċijiet |
| | | *Chrysocyon brachyurus* (II) | | Lupu tal-kriniera |
| | | *Cuon alpinus* (II) | | Kelb selvaġġ tal-Ażja |
| | | *Lycalopex culpaeus* (II) | | Culpeo |
| | | *Lycalopex fulvipes* (II) | | Volpi ta' Darwin |
| | | *Lycalopex griseus* (II) | | Volpi griż tal-Amerka t'Isfel |
| | | *Lycalopex gymnocercus* (II) | | Volpi tal-pampas |
| | *Speothos venaticus* (I) | | | Kelb tal-buxx |
| | | | *Vulpes bengalensis* (III l-Indja) | Volpi tal-Bengal |
| | | *Vulpes cana* (II) | | Volpi ta' Blanford |
| | | *Vulpes zerda* (II) | | Volpi tad-deżert |
| **Eupleridae** | | | | |
| | | *Cryptoprocta ferox* (II) | | Fossa |
| | | *Eupleres goudotii* (II) | | Falanukk |
| | | *Fossa fossana* (II) | | Żibett tal-Malagasy |
| **Felidae** | | | | **Qtates, ċiti, leopardi, iljuni, tigri, eċċ.** |
| | | Felidae spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A. Dan ir-Regolament ma jgħoddx għall-eżemplari tal-forma mansa. Għall-ispeċi tal-**Panthera leo** (il-popolazzjonijiet tal-Afrika), ġiet stabbilita kwota annwali tal-esportazzjoni ta' żero għall-eżemplari tal-għadam, tal-biċċiet tal-għadam, tal-prodotti tal-għadam, tad-dwiefer, tal-iskeletri, tal-kranji u tas-snien li jittieħdu mis-selvaġġ u li jiġu kkummerċjalizzati għal skopijiet kummerċjali.<br>Se jiġu stabbiliti kwoti annwali tal-esportazzjoni għall-kummerċ għal skopijiet kummerċjali fl-għadam, fil-biċċiet tal-għadam, fil-prodotti tal-għadam, fid-dwiefer, fl-iskeletri, fil-kranji u fis-snien li jkunu ġejjin mill-attivitajiet ta' trobbija fil-magħluq fl-Afrika t'Isfel, u s-Segretarjat tas-CITES se jiġi mgħarraf kull sena bihom.) | | Qtates |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Acinonyx jubatus* (I) (il-kwoti annwali tal-esportazzjoni għall-eżemplari ħajjin u għat-trofej tal-kaċċa jingħataw kif ġej: il-Botswana: 5; in-Namibja: 150; u ż-Żimbabwe: 50. L-Artikolu 4(1) jgħodd għall-kummerċ f'dawn l-eżemplari) | | | Ċita |
| | *Caracal caracal* (I) (il-popolazzjoni tal-Ażja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Karakall tal-Ażja |
| | *Catopuma temminckii* (I) | | | Qattus dehbi tal-Ażja |
| | *Felis nigripes* (I) | | | Qattus saqajh suwed |
| | ***Felis silvestris* (II)** | | | Qattus selvaġġ |
| | *Herpailurusyagouaroundi* (I) (il-popolazzjonijiet tal-Amerka Ċentrali u tal-Amerka ta' Fuq biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Ġagwarundi |
| | *Leopardus geoffroyi* (I) | | | Qattus ta' Geoffroy |
| | *Leopardus guttulus* (I) | | | Qattus tigra tan-Nofsinhar |
| | *Leopardus jacobita* (I) | | | Qattus tal-muntanji Andini |
| | *Leopardus pardalis* (I) | | | Oselot |
| | *Leopardus tigrinus* (I) | | | Onċilla |
| | *Leopardus wiedii* (I) | | | Margay |
| | ***Lynx lynx* (II)** | | | Linċi Ewrażjatika |
| | *Lynx pardinus* (I) | | | Linċi tal-Iberja |
| | *Neofelis diardi* (I) | | | Leopard tal-Gżejjer ta' Sunda b'marki qishom sħab |
| | *Neofelis nebulosa* (I) | | | Leopard b'marki qishom sħab tal-kontinent |
| | *Panthera leo* (I) (il-popolazzjonijiet tal-Indja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Iljun tal-Ażja |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | *Panthera onca* (I) | | | Ġagwar |
| | *Panthera pardus* (I) | | | Leopard |
| | *Panthera tigris* (I) | | | Tigra |
| | *Panthera uncia* (I) | | | Leopard tas-silġ |
| | *Pardofelis marmorata* (I) | | | Qattus imraħħam |
| | *Prionailurus bengalensis bengalensis* (I) (il-popolazzjonijiet tal-Bangladesh, tal-Indja u tat-Tajlandja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Qattus leopard tal-Bengal |
| | *Prionailurus iriomotensis* (II) | | | Qattus ta' Iriomote |
| | *Prionailurus planiceps* (I) | | | Qattus ta' rasu ċatta |
| | *Prionailurus rubiginosus* (I) (il-popolazzjoni tal-Indja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Qattus bit-tikek lewn is-sadid |
| | *Puma concolor* (I) (il-popolazzjonijiet tal-Costa Rica u tal-Panama biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Puma tal-Costa Rica |
| **Herpestidae** | | | | **Mangusi** |
| | | | *Herpestes edwardsi* (III l-Indja/il-Pakistan) | Mangus griż tal-Indja |
| | | | *Herpestes fuscus* (III l-Indja) | Mangus kannella tal-Indja |
| | | | *Herpestes javanicus* (III il-Pakistan) | Mangus żgħir tal-Ażja |
| | | | *Herpestes javanicus auropunctatus* (III l-Indja) | Mangus żgħir tal-Indja |
| | | | *Herpestes smithii* (III l-Indja) | Mangus ħamrani |
| | | | *Herpestes urva* (III l-Indja) | Mangus wikkiel il-granċijiet |
| | | | *Herpestes vitticollis* (III l-Indja) | Mangus għonqu strixxi strixxi |
| **Hyaenidae** | | | | **Proteli u jeni** |
| | | | *Hyaena hyaena* (III il-Pakistan) | Jena bl-istrixxi |
| | | | *Proteles cristata* (III il-Botswana) | Proteli |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Mephitidae** | | | | **Skanks** |
| | | *Conepatus humboldtii* (II) | | Skank ta’ Humboldt |
| **Mustelidae** | | | | **Baġers, martori, ballottri, eċċ.** |
| **Lutrinae** | | | | **Lontri** |
| | | Lutrinae spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Lontri |
| | *Aonyx capensis microdon* (I) (il-popolazzjonijiet tal-Kamerun u tan-Niġerja biss; il-popolazzjonijiet l-oħrajn kollha huma inklużi fl-Anness B) | | | Lontra bla dwiefer tal-Kamerun |
| | *Aonyx cinerea* (I) | | | Lontra bid-dwiefer żgħar |
| | *Enhydra lutris nereis* (I) | | | Lontra tal-baħar tan-Nofsinhar |
| | *Lontra felina* (I) | | | Lontra tal-baħar |
| | *Lontra longicaudis* (I) | | | Lontra neotropikali |
| | *Lontra provocax* (I) | | | Lontra tax-xmara tan-Nofsinhar |
| | *Lutra lutra* (I) | | | Lontra tal-Ewropa |
| | *Lutra nippon* (I) | | | Lontra Ġappuniża |
| | *Lutrogale perspicillata* (I) | | | Lontra tal-pil lixx |
| | *Pteronura brasiliensis* (I) | | | Lontra ġganta |
| **Mustelinae** | | | | **Griġjuni, martori, tayra u ballottri** |
| | | | *Eira barbara* (III il-Honduras) | Tayra |
| | | | *Martes flavigula* (III l-Indja) | Martora għonqha isfar |
| | | | *Martes foina intermedia* (III l-Indja) | Martora foina |
| | | | *Martes gwatkinsii* (III l-Indja) | Martora tal-Indja |
| | | | *Mellivora capensis* (III il-Botswana) | Baġer tal-għasel |
| | *Mustela nigripes* (I) | | | Nemes saqajh suwed |
| **Odobenidae** | | | | **Walrus** |
| | | *Odobenus rosmarus* (III il-Kanada) | | Walrus |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| **Otariidae** | | | | **Foki muswafa u ljuni tal-baħar** |
| | | *Arctocephalus* spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Foki muswafa |
| | *Arctocephalus philippii* (II) | | | Foka muswafa ta' Juan Fernández |
| | *Arctocephalus townsendi* (I) | | | Foka muswafa ta' Guadeloupe |
| **Phocidae** | | | | **Foki** |
| | | *Mirounga leonina* (II) | | Mirunga tan-Nofsinhar |
| | *Monachus* spp. (I) | | | Bumerini |
| **Procyonidae** | | | | **Koati u olingo** |
| | | | *Nasua narica* (III il-Honduras) | Koati mnieħru abjad |
| | | | *Nasua nasua solitaria* (III l-Urugwaj) | Koati tan-Nofsinhar tal-Brażil |
| | | | *Potos flavus* (III il-Honduras) | Kinkaġu |
| **Ursidae** | | | | **Orsijiet** |
| | | Ursidae spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Orsijiet |
| | *Ailuropoda melanoleuca* (I) | | | Panda ġgant |
| | *Helarctos malayanus* (I) | | | Ors tax-xemx |
| | *Melursus ursinus* (I) | | | Ors xufftejh kbar |
| | *Tremarctos ornatus* (I) | | | Ors tan-nuċċali |
| | ***Ursus arctos* (I/II)** (il-popolazzjonijiet tal-Bhutan, taċ-Ċina, tal-Messiku u tal-Mongolja u s-sottospeċi *Ursusarctosisabellinus* biss huma mniżżlin fl-Appendiċi I; il-popolazzjonijiet u s-sottospeċijiet l-oħrajn kollha huma mniżżlin fl-Appendiċi II) | | | Ors kannella |
| | *Ursus thibetanus* (I) | | | Ors iswed tal-Ażja |
| **Viverridae** | | | | **Binturong, żibetti, linsangs, żibetti lontri u żibetti tal-palmi** |
| | | | *Arctictis binturong* (III l-Indja) | Binturong |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
| | | | *Civettictis civetta* (III il-Botswana) | Żibett tal-Afrika |
| | | *Cynogale bennettii* (II) | | Żibett lontra |
| | | *Hemigalus derbyanus* (II) | | Żibett tal-palmi bl-istrixxi |
| | | | *Paguma larvata* (III l-Indja) | Żibett tal-palmi mmaskerat |
| | | | *Paradoxurus hermaphroditus* (III l-Indja) | Żibett tal-palmi tal-Ażja |
| | | | *Paradoxurus jerdoni* (III l-Indja) | Żibett tal-palmi ta' Jerdon |
| | | *Prionodon linsang* (II) | | Linsang bl-istrixxi |
| | *Prionodon pardicolor* (I) | | | Linsang bit-tikek |
| | | | *Viverra civettina* (III l-Indja) | Żibett tal-Malabar b'tikek kbar |
| | | | *Viverra zibetha* (III l-Indja) | Żibett kbir tal-Indja |
| | | | *Viverricula indica* (III l-Indja) | Żibett żgħir tal-Indja |
| CETACEA | | | | **Ċetaċji (dniefel, dniefel suwed u balieni)** |
| | CETACEA spp. (I/II) [2] | | | Ċetaċji |
| CHIROPTERA | | | | |
| **Phyllostomidae** | | | | **Friefet il-lejl imnehirhom wiesa'** |
| | | | *Platyrrhinus lineatus* (III l-Urugwaj) | Farfett il-lejl b'faxx abjad |
| **Pteropodidae** | | | | **Friefet il-lejl tal-frott** |
| | | *Acerodon* spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A) | | Friefet il-lejl tal-frott |
| | *Acerodon jubatus* (I) | | | Farfett il-lejl tal-frott rasu dehbija |
| | | *Pteropus* spp. (II) (minbarra l-ispeċijiet inklużi fl-Anness A u l-ispeċi *Pteropus brunneus*.) | | Friefet il-lejl tal-frott |
| | *Pteropus insularis* (I) | | | Farfett il-lejl tal-frott tal-Mikroneżja |
| | *Pteropus livingstonii* (II) | | | Farfett il-lejl tal-frott tal-Gżejjer tal-Comoros |
| | *Pteropus loochoensis* (I) | | | Farfett il-lejl tal-frott tal-Ġappun |
| | *Pteropus mariannus* (I) | | | Farfett il-lejl tal-frott tal-Gżejjer Marjani |

| | Anness A | Anness B | Anness C | Isem komuni |
|---|---|---|---|---|
